MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 72/2002/1

**Paul u Anna Zammit mizzewgin flimkien**

**u**

**B'digriet tas-16 ta' Dicembru 2002 is-socjeta' Untours Insurance Agents Ltd. Ghal Qatar Insurance Company interveniet in statu et terminis**

**vs**

**Michael Angelo u Carmela Cauchi mizzewgin flimkien**

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-28 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sitt centezmi (Lm981.06) u fejn intqal:

Illi l-partijiet Paul Zammit u Michael Angelo Cauchi kienu nvoluti f'incident awtomobilistiku bejn il-vetturi Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DAV-573 misjuqa mill-attur u Toyota numru ta' registrazzjoni DBA-453 misjuqa mill-konvenut fi Triq Jean de la Vallette, Xewkija, Ghawdex, fid-disgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (29.9.2001);

Illi ghall-liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi in konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni fil-vettura tieghu tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DAV-573 ammontanti ghal disa' mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sitt centezmi (Lm981.06);

Illi l-konvenut gie inutilment interpellat sabiex ihallas anke permezz ta' ittra legali ta' l-1 ta' Frar, 2002 u ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 2002;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-1 ta' Frar, 2002 u ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 2002, kif ukoll l-ittra ufficjali mibghuta lill-kumpanija assiguratrici Rausi Insurance Agency Limited prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghal kull fini u effett tal-Ligi; bl-imghaxijiet u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni kompetenti lilhom skond il-Ligi;

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta bil-kontro-talba tal-konvenuti prezentata fit-13 ta' Gunju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma esagerati stante li d-danni zgur li ma jammontawx ghall disa' mija u wiehed u tmenin lira Maltija u sitt centezmi (Lm981.06).

Illi fil-kontro-talba taghhom il-konvenuti talbu li l-atturi jigu kkundannati ihallsu is-somma ta’ erba’ mija u hamsa u disghin lira maltija (Lm495.00) in linea ta’ danni sofferti mill-konvenut per konsegwenza ta’ l-incident indikat fit-talba originali u li tieghu l-attur Paul Zammit kien unikament responsabbli.

Ra li fis-seduta ta’ l-1 ta’ Lulju, 2002, l-atturi ikkontestaw il-kontro-talba.

Ra id-digriet tas-16 ta’ Dicembru, 2002, gie ammess l-intervent in statu et terminis tas-socjeta’ Untours Insurance Agents Ltd. Ghal Qatar Insurance Company, bhala socjeta’ assikuratrici ta’ l-attur.

Illi b’nota prezentata fil-15 ta’ Lulju, 2002, l-atturi cedew il-kawza stante pagament mis-socjeta’ assiguratrici tal-konvenuti, pero’ zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Semgha x-xhieda ta’ Michael Angelo Cauchi, PS 369 Joseph Mizzi u Paul Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kaz in ezami jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fi Triq Jean De La Vallette, Xewkija, Ghawdex, fid-29 ta’ Settembru 2001, bejn il-vettura DAV-573 misjuqa mill-attur u l-vettura DBA-453 misjuqa mill-konvenut.

2. It-Tribunal jibda biex jinnota li l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenut peress li sar pagament mis-socjeta’ assiguratrici tal-konvenut. It-Tribunal jirrileva illi tali pagament ma jistghax jitqies bhala ammissjoni ghall-finijiet tal-kontro-talba. Ghalhekk in kwantu ma hemmx aktar lok li jindaga dwar it-talba it-Tribunal ser jghaddi biex jezamina l-kontro-talba.

3. Bhala fatti jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBA-453 fi Triq Widnet il-Bahar, Xewkija, u hu kien hiereg ghal go Triq La

Vallette. Hu jispjega li ma kellux “stop-sign” u li hu u hiereg sema’ “brake” u saret il-kollizzjoni. Skond il-konvenut l-incident gara f’salib-it-toroq. Il-konvenut ex admissis jghid li x’hin hareg fit-triq ma rahx lill-attur, ghalkemm u jghid li hares fid-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur.

4. Bhala danni jirrizulta li l-konvenut kellu l-hsara tieghu fuq il-bieba tax-xellug tal-kabina tas-sewwieq, u fuq il-gemb tax-xellug u r-rota ta’ wara dejjem fuq ix-xellug. Filwaqt li l-attur kellu l-hsara fuq quddiem, iz-zewg mudguards, fanali, indicator, grill u radiator.

5. L-attur jghid li hu kien miexi fi Triq La Vallette, waqaf, ma kien gej hadd u beda jsuq, meta tfacca l-konvenut gej b’velocita’ u li baqa’ ghaddej. Jirrizulta li l-attur zamm brake meta ra lill-konvenut u halla brake marks ta’ 3.1 metri. Meta wiehed jara li fejn ibbrejkja kien hemm iz-zrar ukoll, jirrizulta li l-attur ma kienx ghaddej b’velocita. Jirrizulta li bid-daqqa l-konvenut dar u spicca fit-triq l-ohra.

6. Jigi rilevat li l-principju f’incidenti tat-traffiku gie kristallizzat mill-Qrati taghna kif ser jinghad:

“Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta’ ncidenti ta’ traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta’ vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta’ kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkustanzi, bhal ma huma l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta’ l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta’ driver li jzomm dik li komunement tissejjah “a reasonable careful look-out”, liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli.” (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112).

Kif rilevat fil-kawza “Mazzitelli vs Carr” Vol.XXIX-II-504:

“A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all concomitant

circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control………..”

Fl-istess sentenza hemm referenza ghall-Codice Stradale Taljan fejn jinghad:

“Il conducente della automobile deve essere padrone della velocita’ della macchina.”

7. Fil-kaz in ezami iz-zewg sewwieqa kienu jafu ben tajjeb li resqin lejn salib it-Toroq, u ghalhekk kien jispetta lil kull wiehed minnhom li jsuq bl-akbar diligenza. Ghalkemm jirrizulta li l-attur waqaf qabel ma beda jaqsam it-triq, jidher li dan ma kellux hin sufficenti biex izomm il-brake. Da parti tieghu il-konvenut jidher li baqa’ hiereg sparat bhallikieku kellu d-dritta. Fic-cirkostanza ghalhekk jirrizulta li z-zewg sewwieqa kellhom responsabilita’ ghall-eventwali kollizzjoni li sehhet, pero’ in kwantu il-konvenut kien ghaddej b’certa velocita’, definitivament ma tax kaz tat-traffiku li seta’ kien ghaddej, u ittenta jaqsam kif inghad, dana kien aktar jahti ghall-incident milli kien jahti l-attur. Ghalhekk it-Tribunal qed isir lill-attur hati ghall-kollizzjoni fi grad ta’ kwart filwaqt qed jattribwixxi tlett kwarti tal-htija lill-konvenut.

8. Bhala danni jirrizulta li l-konvenut garrab erba’ mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm495.00) danni, u in kwantu l-attur kien responsabbli ghall-kwart minn dawn jigi li ghandu jaghti lill-konvenut is-somma ta’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm123.75) danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici in vista tan-nota ta’ cessjoni, qed jilqa’ il-kontro-talba tal-konvenuti in kwantu l-attur kien jahti ghall-incident li sehh fi grad ta’ kwart, u konsegwentement jikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti is-somma ta’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm123.75).

L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghadhom jigu sopportati in kwantu ghall tlett kwarti mill-konvenuti u kwart mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------